MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 168/2014

**Carmelo ATTARD u Juanafil Consultans Limited u b'digriet datat 24 ta' Gunju 2014 il-kelma Consultans giet sostitwita bil-kelma Consultants**

**Vs**

**Joseph VELLA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-11 ta' Marzu, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimat ihallsu s-somma ta' erba' mija u sbatax-il euro [€417] u dan wara li ppremettew hekk:

"Illi s-socjeta attriċi Juanafil Consultants Ltd Reg. C14109 ipprestat servizzi ta' kuntegg lill-konvenut Joseph Vella ID 135755M u li peress li l-konvenut kellu l-uzanza jhallas akkont, issa qed jiġi nnotat li l-

konvenut ma baqax ihallas kif soltu kien jaghmel. L-ammont dovut illum huwa €417 (erbat elef u sbatax-il Euro)".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-22 ta' Mejju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

"1. Illi preliminarjament qed tiġi eccepita l-preskrizzjoni tal-kawza odjerna abbażi tal-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost l-esponent jirrespingi t-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost l-ebda ammont m'huwa dovut.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 30 ta' April 2014 fejn Dottor Maria Azzopardi ddikjarat li t-talba odjerna qeghda issir biss mis-socjeta rikorrenti.

Ra l-verbal datat 25 ta' Novembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat, il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u sbatax-il euro [€417] rapprezentanti servizzi ta’ kuntegg ipprestat lill-intimat. L-intimat da parti tieghu laqa ghal din it-talba billi qal li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u li l-ebda ammont ma kien dovut. Qal ukoll li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

   Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tal-24 ta’ Gunju, 2014 xehdet **Dottor Yvette Borg, Assistent Registratur tal-Qorti**. Hija qalet li minn riċerka li ghamlet ma rrizultax li kien hemm xi ittri ufficjali ppreżentati minn Carmelo Attard u/jew Juanafil Limited kontra l-intimat Joseph Vella.

3. **Carmelo Attard**, in rappreżentanza tas-socjeta rikorrenti qal li s-socjeta rikorrenti taghmel xoghol ta’ *book keeping, accounting* u *management*. Qal li ilhom jaghmlu xoghol ghal intimat sa mis-sena 2003. Kompla jghid li “*ahna konna niehdu hsieb il-karti tieghu kollha fis-sens li jekk kellu bolol b’lura konna naraw li niehdu hsieb li nirrangawlu l-karti up to date, VAT returns, income tax returns etc. madanakollu huwa qatt ma hallas l-ammont shih dovut iżda kien ihallas akkont*” (fol. 19). Zied ighid li l-intimat fadallu jhallas lis-socjeta minnu rappreżentata ghas-servizzi pprestati minnha lilu ghas-snin 2010 sa l-2012. Qal ukoll li l-ahhar pagament li wettaq l-intimat kien ta’ mitt euro (€100) u sar f’April, 2011.

   Ix-xhud qal li fl-ahhar ta’ Jannar, 2012 l-intimat kien talabhom sabiex jaghmlulu numru ta’ *profitt and loss accounts* b’lura u VAT returns u kellu ukoll NSO *questionnaire* dwar l-istatistika. Ghalqulu ukoll l-*PE number* u l-*VAT number*. Ix-xoghol rikjest mill-intimat tlesta f’April, 2012.

   Ix-xhud sahaq li huwa kien beda jitlob il-hlas minghand l-intimat u sahansitra mar fir-restuarant li kellu ibnu ġewwa l-Ghadira. Ix-xhud qal li “*lili l-intimat dejjem qalli issa nhallsek bil-mod*” u “*lili l-intimat qatt ma lmenta mieghi dwar l-ammont li kont qieghed nitolbu*” (fol. 19).

Ghalaq ix-xhied atieghu billi qal li l-intimat ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' erba' mija u sbatax-il euro (€417).

4. **Christine Camilleri** xehdet u qalet li hi tahdem bhala *manager* mas-socjeta rikorrenti. Ziedet tghid li l-intimat kien jghaddilna xoghol b'mod regolari u huma kienu jiehdu hsieb li jippreparaw il-karti. Kompliet tghid li hija kienet tikkomunika mal-intimat sabiex jiġbor id-dokumentazzjoni relattiva minghand is-socjeta rikorrenti ghar-rigward tal-VAT jew inkellha biex jghaddilhom l-informazzjoni li kienet mehtiega biex jkunu jistghu jaghmlu l-karti relattivi. Stqarret li l-intimat ghad fadallu jaghti lis-socjeta rikorrenti. Qalet li l-intimat qatt ma kkontesta l-kontijiet li kienet tibghatlu s-socjeta rikorrenti. Anke hlasijiet ġieli rċeviet minghand l-intimat.

5. Xehdet ukoll **Therese Attard**, prodotta mis-socjeta rikorrenti li qalet li hija tiehu hsieb il-kontijiet taghha. Qalet li hija kienet tibghat il-kontijiet lil intimat fir-residenza tieghu ġewwa l-Mellieha. Qalet li matul is-snin is-socjeta rikorrenti kienet tirċievi xi hlasijiet minghand l-intimat u li llum il-gurnata fadallu jhallasha s-somma ta' €417. Qalet li l-intimat qatt ma ċemplilha biex jikkontesta l-ammont dovut u allura ma tafx l-ghala huwa baqa ma hallasx.

6. **L-intimat** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Qal li fil-passat huwa kien juża s-servizzi ta' l-accountant Carmelo Attard jew tal-kumpanija tieghu Juanafil Consultants Limited. Kompla jghid li "*... dejjem hallastu ta' xogholu tant li kien ikun hu stess li jghaddi ghall-flus il-kazin tal-Imperial, il-Mellieha*" (fol. 58). L-intimat sahaq li din hija r-raguni l-ghala huwa kien qieghed jghid li ma kellu l-ebda ammont dovut "*... ghax li kieku qalli li kelli xi kont pendenti, żgur li kont inhallsu*" (fol. 58). Peress li spiċċa mix-xoghol, huwa ma baqax juża s-servizzi tieghu. Ghalaq ix-xheda tieghu billi qal li apprti din il-kawza, huwa qatt ma rċieva xi ittra uffcjali minghandu u lanqas ma rċieva xi kont id-dar fejn talbu l-hlas ta' xi flus. Apparti dan, kompla jghid l-intimat, "*... ghadda wisq żmien biex jitlobni dan l-ammont*" (fol. 58).

Ikkunsidra ulterjorment;

7. L-ewwel eċċezzjoni li ghandha tiġi deċiża f'din it-Talba hija dik tal-preskrizzjoni mqanqal mill-intimat. Huwa dstqarr fir-risposta tieghu li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:

***2149.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*(ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;*

8. Mill-provi prodiotti jirrizulta li:

i. It-Talba odjerna ġiet intavolata fl-4 ta' Marzu, 2014, filwaqt li t-timbru tal-prezentata huwa l-11 ta' Marzu, 2014. Ghal finijiet ta' din it-Talba, hija din l-ahhar data li sejra tiġi kkunsidrata mit-Tribunal ghax hija d-data bit-timbru uffiċjali tar-Registru.

ii. Skond ma jirrizulta mid-dokument CA 1 a fol. 23 tal-process, l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'din it-Talba jirreferi ghall-perjodu 29 ta' Jannar, 2010 sat-30 ta' April, 2012. F'dan il-perjodu, l-intimat, skond dan id-dokument, ghamel żewġ pagamenti ta' €100 –il wiehed.

iii. Fit-12 ta' April, 2011 kien sar pagament akkont ta' €100 mill-intimat (ara dok. CA 1 a fol. 23).

iv. Dottor Yvette Borg, Assistent Registratur xehdet li l-ebda ittra uffiċjali ma ġiet intavolata mis-socjeta rikorrenti jew minn Carmelo Attard kontra l-intimat.

v. Carmelo Attard xehed li "*wara April elfejn u tnax (2012) jiena kont kellimtu lil intimat u kien qalli li ma kienx baqa jopera mill-bar tal-Labour tal-Mellieha imma kien ser jibda jghin lil ibnu fir-restuarant li ghandu ġewwa l-Ghadira. Jiena darbtejn mort infittex lil intimat f'dan ir-restuarant u sibtu d-darbtejn li huma fil-kcina. Tlabtu l-hlas iżda hu baqa ma taniex hlas. Lili l-intimat dejjem qalli issa inhallsek bil-mod. Lili l-intimat qatt ma lmenta mieghi dwar l-ammont li kont qieghed nitolbu*" (fol. 19).

vi. Therese Attard xehdet li hija dejjem baghtet il-kontijiet lill-intimat fir-residenza tieghu ġewwa l-Mellieha (fol. 22).

vii. L-intimat qal li huwa kien jutilizza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti u tal-accontant Carmelo Attard. Qal li dejjem hallsu ta' xogholu u qal ukoll li "*... l-ebda ammont m'huwa dovut lilu ghax li kieku qalli li kelli xi kont pendenti, żgur li kont inhallsu*" (fol. 58). Zied ighid li huwa qatt ma rċieva xi ittra uffiċjali minghand is-socjeta rikorrenti u lanqas ma rċieva xi kont id-dar tieghu li permezz tieghu talbu xi hlas. Apparti dan, kompls jghid l-intimat, "*... ghadda wisq żmien biex jitlobn dan l-ammont*" (fol. 58).

9. Illi jirrizulta bic-car mill-provvediment tal-ligi hawn fuq citat li t-terminu li ta preskrizzjoni tal-kaz odjern huwa dak ta' sentejn. L-ahhar pagament li kien ghamel l-intimat lis-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €100 kien sar fit-12 ta' April, 2011 filwaqt li l-kawza odjerna ġiet intavolata fil-11 ta' Marzu, 2014. Jirrizulta ghalhekk li dan it-terminu kien lahaq ghadda qabel ma kienu nbdew il-proceduri odjerni ghar-rigward tal-pagamenti kollha li s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas salv ghall-ahhar kont li jġib id-data tat-30 ta' April, 2012 (fol 28) fl-ammont ta' hamsa u tletin euro (€35). Mill-provi prodotti, it-Tribunal mhux sodisfatt li dan it-terminu gie interrott jew miksur u li ghalhekk beda jidekorri mill-gdid. Ma hemmx prova tad-data meta Carmelo Attard kien mar ikellem lill-intimat ġewwa l-fond fl-Ghadira u ghalhekk, kull ammont dovut, salv

ghall-dak imsemmi fil-kont datat 30 ta' April, 2012 huwa perent. Konsegwentement, din l-eccezzjoni ta' l-intimat sejra tintlaqa in parte.

10. Ghar-rigward tal-kont datat 30 ta' April, 2012 fl-ammont ta' €35, it-Tribunal huwa sodisfatt mill-provi prodotti li dan l-ammont huwa dovut mill-intimat u konsegwentement sejjer jordnalu sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-intimat a tenur tal-artikolu 2149 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta limitatament ghall-kontijiet kollha mahruga mis-socjeta rikorrenti bejn id-29 ta' Jannar, 2010 u l-4 ta' Ottubru, 2011 (fol. 29-55);

2. Jichad l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-intimat a tenur tal-artikolu 2149 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rigward tal-kont datat 30 ta' April, 2012 fl-ammont ta' €35 (fol. 28);

3. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż u qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' hamsa u tletin euro (€35) u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hamsa u tletin euro (€35) bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mit-30 ta' April, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez, in vista tac-cirkostanzi ghandhom jitbaghtew in kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta rikorrenti u ghar-rimanenti tlett kwarti (3/4) mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------